v

**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 466/2015

Seduta tal-23 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Reuben Spiteri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Reuben Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 101475M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Marzu u April, 2015 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat skond Kap 9 Art. 18 naqas li jaghti lil Ingrid Vella, is-somma ta' €375, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li

fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skond Kap 9 tal-Art. 338 (z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati u ikkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Reuben Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tordna li s-sentenza fuq citata fl-ismijiet premessi tigi varjata u modifikata fis-sens illi filwaqt li ghandha tikkonferma l-istess fejn sabitu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, tvarja l-istess fejn applikat piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tinfliggi piena alternattiva ghal dik karcerarja.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami singolari illi din kienet wahda harxa.
2. Illi l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi fil-mori l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;
3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena

erogata hlief jekk dik il-Qorti hlief fil-kaz meta l-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' €20.

Giovanni Grixti

Imhallef